



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2013/2176(INI)**

05.11.2013

# **EMENDI**

## **1 - 276**

**Abbozz ta' rapport**  
**Anthea McIntyre**  
(PE519.592v01-00)

L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli għall-intrapriżi, in-negozji u l-impriżi li għadhom jibdew sabiex jinħolqu l-impjiegi?  
(2013/2176(INI))

AM\1009328MT.doc

PE522.799v02-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**



**Emenda 1**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra l-“Att dwar in-Negozji  
ż-Żgħar” għall-Ewropa (COM(2008)394),*

Or. en

**Emenda 2**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra r-rapport tal-gvern  
tar-Renju Unit tat-task force dwar in-  
negozju (Ottubru 2013),*

Or. en

**Emenda 3**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-  
Kummissjoni dwar l-Idoneità Regulatorja  
tal-UE (COM(2012)0746),*

*– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-  
Kummissjoni dwar l-Idoneità Regulatorja  
tal-UE (COM(2013)685),*

Or. en

**Emenda 4**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew “It-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs” (T7-0036/2013),**

Or. en

**Emenda 5**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-programm il-ġdid għall-Impjieg u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) li, fost oħrajn, se jestendi l-appoġġ mogħti lill-fornituri tal-mikrokreditu taħt il-Faċilità Ewropea ta’ Mikrofinanzjament Progress,**

Or. en

**Emenda 6**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound ta’ Jannar 2013 bl-isem “Livell globali: Il-potenzjal tal-ħolqien tal-impjieg f’impriżi internazzjonali**

*ġodda”,*

Or. en

**Emenda 7**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra r-rapport tal-  
Eurofound tal-2013 “Politika pubblika u  
appoġġ għar-ristrutturar tal-SMEs”,*

Or. en

**Emenda 8**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra r-rapport tal-  
Eurofound tal-2010 bl-isem “Miżuri ta’  
ħolqien tax-xogħol”,*

Or. en

**Emenda 9**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

A. billi t-twaqqif ta' negozju fl-Ewropa jieħu madwar **13-il ġurnata** (Ir-Renju Unit) u 40 ġurnata (Malta);<sup>2</sup>

---

2

<http://data.worldbank.org/indicator/IC.REG.DURS>

*Emenda*

A. billi t-twaqqif ta' negozju fl-Ewropa jieħu **medja ta'** madwar **13-il ġurnata** (Ir-Renju Unit) u 40 ġurnata (Malta) **u jiswa sa 20 % tad-dħul per capita annwali**;<sup>2</sup>

---

2

<http://data.worldbank.org/indicator/IC.REG.DURS><http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/#h2-2>

Or. de

**Emenda 10**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

A. billi **t-twaqqif** ta' negozju **fl-Ewropa jieħu madwar 13-il ġurnata** (Ir-Renju Unit) u 40 ġurnata (Malta);<sup>2</sup>

---

2

<http://data.worldbank.org/indicator/IC.REG.DURS>

*Emenda*

A. billi **hemm differenzi preokkupanti bejn Stati Membri fiż-żmien li jeħieġ għat-twaqqif** ta' negozju **minn 13-il ġurnata sa 40 ġurnata f'ċerti każijiet**;<sup>2</sup>

---

2

<http://data.worldbank.org/indicator/IC.REG.DURS>

Or. en

**Emenda 11**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

A. billi *t-twaqqif* ta' negozju fl-Ewropa *jieħu madwar 13-il ġurnata (Ir-Renju Unit) u 40 ġurnata (Malta);*<sup>2</sup>

---

<sup>2</sup>.<http://data.worldbank.org/indicator/IC.RE.G.DURS>.

*Emenda*

A. billi *ż-żmien* ta' *ħolqien ta'* negozju fl-Ewropa *jvarja bejn 13 u 40 jum.*

---

<sup>2</sup>.<http://data.worldbank.org/indicator/IC.RE.G.DURS>.

Or. fr

**Emenda 12**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*B. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol ġew identifikati bħala li għandhom impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 13**

**Inês Cristina Zuber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi *r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol ġew identifikati* bħala li *għandhom* impatt *negattiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;*

*Emenda*

B. billi *l-ħolqien ta' suq tax-xogħol b'sengħa, b'ħaddiema motivati li għandhom drittijiet soċjali u tax-xogħol garantiti, ġie identifikat* bħala li *għandu* impatt *pożittiv fuq is-suċċess tal-kumpaniji;*

Or. pt

**Emenda 14**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi *r-riġiditajiet tas-suq* tax-xogħol *għew identifikati bħala li għandhom impatt negattiv fuq il-ħolqien* tal-impjiegi;

*Emenda*

B. billi *standards* tax-xogħol *li jlaqqgħu l-flessibbiltà u s-sigurtà tax-xogħol jista' jkollhom qafas aktar favorevoli għall-ħolqien* tal-impjiegi;

Or. es

**Emenda 15**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol għew identifikati bħala li għandhom impatt negattiv fuq *il-ħolqien tal-impjiegi*;

*Emenda*

B. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol għew identifikati *f'ċerti pajjiżi* bħala li għandhom impatt negattiv fuq *suq tax-xogħol inklussiv fejn hemm diviżjoni bejn persuni ta' ġewwa u ta' barra f'termini ta' sigurtà*;

Or. en

**Emenda 16**  
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol għew

*Emenda*

B. billi *varji fatturi bħal pereżempju* r-



identifikati bħala li għandhom impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;

riġiditajiet tas-suq tax-xogħol, ***l-ispejjeż għalja tax-xogħol, il-burokrazija żejda*** ġew identifikati bħala li għandhom impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi;

Or. en

**Emenda 17**  
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi s-suq uniku jista' jkollu rwol ewlieni biex jintlaħqu l-miri tal-impjiegi tal-Ewropa 2020;

*Emenda*

C. billi s-suq uniku ***u l-potenzjal tar-riżorsi umani Ewropej*** jista' jkollu rwol ewlieni biex jintlaħqu l-miri tal-impjiegi tal-Ewropa 2020;

Or. en

**Emenda 18**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa D**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

D. billi l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE u għandhom potenzjal kbir għall-ħolqien tal-impjiegi;

*Emenda*

D. billi l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE u għandhom potenzjal kbir għall-ħolqien tal-impjiegi ***u huma responsabbli għal 85 % tal-impjiegi maħluqin mill-ġdid***;

Or. en

**Emenda 19**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ea. billi l-kost għal kull impjegat għall-konformità mal-obbligi regolatorji jista' jkun għaxar darbiet ogħla għall-SMEs milli għall-impriżi kbar (COM(2011)803);***

Or. en

**Emenda 20  
Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ea. billi minħabba l-kriżi finanzjarja, u l-kriżi tal-kreditu li rriżultat b'konsegwenza tagħha, l-SMEs qed jiffaċjaw l-ogħla spiża ta' kreditu u l-kontrazzjoni tad-disponibbiltà tagħha. Billi, skont l-Istitut tal-Finanzi Internazzjonali, l-impriżi ż-żgħar fil-pajjiżi periferali qed iħallsu bejn 4 % u 6 % iktar għas-self mill-banek mill-kontropartijiet tagħhom fl-Ewropa ċentrali, li jqiegħdhom fi żvantaġġ sinifikanti u b'hekk jiġu ostakolati l-prospettivi tar-reġjun għar-rianimazzjoni ekonomika u l-ħolqien nett tax-xogħol;***

Or. en

**Emenda 21  
Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Eb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Eb. billi swieq tal-bonds korporattivi, tal-ekwità u tat-titolizzazzjoni fl-Ewropa għadhom relattivament mhux żviluppati biżżejjed meta mqabblin ma' ekonomiji oħrajn, u l-finanzjament mhux bankarju jibqa' prinċipalment mhux aċċessibbli għall-SMEs, biex b'hekk jiġi ostakolat il-potenzjal tagħhom għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi;***

Or. en

**Emenda 22**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ec (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ec. billi, grazzi għal dipendenza qawwija fuq is-suq domestiku, l-SMEs qed ilaħħqu ma' tnaqqis sostanzjali fid-domanda filwaqt li jiffaċċjaw sfida akbar mill-kumpaniji l-kbar biex jistabilixxu swieq tal-esportazzjoni jew isibu oħrajn ġodda;***

Or. en

**Emenda 23**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ed (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ed. billi l-SMEs huma differenti ħafna u b'hekk jeħtieġu programmi imfasslin apposta matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha tagħhom li jqisu b'mod adegwat id-daqs/l-introjtu tagħhom u l-bżonnijiet finanzjarji tagħhom;***

**Emenda 24**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Eb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Eb. billi l-forniment effikaċi ta' servizzi hu kruċjali għat-tkabbir fil-ġejjieni, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi;***

Or. en

**Emenda 25**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Eb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Eb. billi, għalkemm għandna l-ġenerazzjoni ta' iżgħażaġh l-iktar edukata fl-istorja tal-Ewropa, u l-Istati Membri investew ammonti kbar ta' flus fl-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh tagħna huma prinċipalment maqtugħin mis-suq tax-xogħol u l-ħiliet tagħhom jibqgħu mhux użati filwaqt li qed jikkompetu għal pożizzjonijiet temporanji u li ma jħallsux biżżejjed;***

Or. en

**Emenda 26**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ea. Jinnota r-rwol importanti tal-Fond Soċjali Ewropew sabiex jgħin lill-Istati Membri jipprovdu opportunitajiet u taħriġ lil persuni qiegħda ħalli jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol;***

Or. en

**Emenda 27**

**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ea. billi r-rata ta' qgħad għaż-żgħażaġh Ewropej (15-24) tilħaq ir-rata insostenibbli ta' 23 % u hija iktar minn 50 % għal dawk l-Istati Membri l-iktar milqutin mill-kriżi; billi dan il-qgħad massiv taż-żgħażaġh iwassal għal eżodu ta' mħuħ enormi u jdgħajjef b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħna għal tkabbir sostenibbli fil-futur;***

Or. en

**Emenda 28**

**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ec (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ec. billi l-UE hija mhedda mill-prospett ta' "tkabbir mingħajr ħolqien ta' impjiegi" li se jdgħajjef aktar in-nisġa soċjali u ekonomika tas-soċjetajiet tagħna kif ukoll il-prospetti fit-tul tal-UE biex***

*tikkompeti fuq l-istess livell f'ekonomija  
globalizzata bbażata fuq l-għarfien;*

Or. en

**Emenda 29**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Sottointestatura 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ħolqien ta' impjeggi*

*Il-ħolqien tal-impjeggi*

Or. de

**Emenda 30**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f'xi partijiet tal-Ewropa; jemmen li jekk l-UE trid tikseb lura l-kompetittività, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess;

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f'xi partijiet tal-Ewropa; jemmen li jekk l-UE trid tikseb lura l-kompetittività, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess **u jnaqqsu l-ispejjeż marbuta miegħu;**

Or. de

**Emenda 31**  
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f' xi partijiet tal-Ewropa; jemmen li jekk l-UE trid tikseb lura l-kompetittività, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess;

*Emenda*

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f' xi partijiet tal-Ewropa; jemmen li jekk l-UE trid tikseb lura l-kompetittività, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess **u jridu jkunu pprovduti biżżejjed miżuri ta' superviżjoni u appoġġ;**

Or. de

**Emenda 32**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f' xi partijiet **tal-Ewropa**; jemmen li jekk l-UE trid **tikseb lura l-kompetittività**, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess;

*Emenda*

1. Huwa mħasseb dwar l-ispiża, il-kumplessità u l-ħin involuti fit-twaqqif ta' negozju f' xi partijiet **tal-Unjoni Ewropea**; jemmen li jekk l-UE trid **ittejjeb il-kompetittività tagħha**, l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jissimplifikaw u jgħaġġlu dan il-proċess;

Or. en

**Emenda 33**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**1a. Jinnota li l-impriżi l-ġodda li jsiru internazzjonali malajr u b'mod intensiv wara l-bidu juru kontributi promettenti għall-ekonomija billi jgħolqu**

*Emenda*

*innovazzjoni, irawmu l-innovazzjoni f'kumpaniji oħrajn, jinvolvu ruħhom fi ktajjen ta' provvista internazzjonali u joħolqu impjiegi sostenibbli u ta' kwalità tajba. Jenfasizza madankollu, li dawn il-kumpaniji jiffaċċjaw bosta sfidi fil-fażi tal-bidu tagħhom li għandha titwettaq malajr kif ukoll livelli baxxi ta' kapital, b'tali mod li proċeduri tal-bidu mhux għaljin, sempliċi u rapidi jkunu ta' benefiċċju għalihom;*

Or. en

### **Emenda 34**

**Marije Cornelissen**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 2**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri li joħolqu l-qafas regolatorju t-tajjeb biex **jgħinu lin-negozji joħolqu l-impjiegi**;

##### *Emenda*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri li joħolqu l-qafas regolatorju t-tajjeb biex **irawmu l-ħolqien ta' xogħol diċenti u sostenibbli**;

Or. en

### **Emenda 35**

**Phil Bennion**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 2**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri li joħolqu l-

##### *Emenda*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri **u l-Unjoni**



qafas regolatorju t-tajjeb biex jgħinu lin-negozji jgħolqu l-impjiegi;

*Ewropea* li jgħolqu l-qafas regolatorju t-tajjeb biex jgħinu lin-negozji jgħolqu l-impjiegi ***filwaqt li jiżguraw ambjent tax-xogħol sikur***;

Or. en

**Emenda 36**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri li jgħolqu l-qafas regolatorju t-tajjeb biex jgħinu lin-negozji jgħolqu l-impjiegi;

*Emenda*

2. Jinnota li t-tendenzi globali ħolqu pressjonijiet kompetittivi kif ukoll opportunitajiet għan-negozji; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri li jgħolqu l-qafas regolatorju ***u fiskali*** t-tajjeb biex jgħinu lin-negozji jgħolqu l-impjiegi;

Or. fr

**Emenda 37**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***2a. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss jgħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalfikata, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;***

***(ittrasferit hawn mill-paragrafu 15)***

Or. de

**Emenda 38**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, **jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi**, intraprenditorija, **demografija**, aċċess għas-suq, **finanzi u s-suq tax-xogħol**;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, **jimplimentaw ir-riformi neċessarji sabiex jipromwovu tlaqqiġ aħjar tal-kompetenzi**, intraprenditorija, **politika ta' incensiva fiskali aħjar, żvilupp tat-taħriġ u t-tagħlim, sabiex jiġi ġeneralizzat ir-rispett tal-prinċipji ta' responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq, u sabiex is-suq tax-xogħol isir aċċessibbli għall-gradwati kollha u kull min mhuwiex gradwat**;

Or. fr

**Emenda 39**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport **mill-istituzzjonijiet tal-UE**, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: **kompetenzi**, intraprenditorija, **demografija**, aċċess għas-suq, **finanzi u s-suq tax-xogħol**;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport **mill-Unjoni Ewropea**, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: **kwalifiki ta' professjonisti**, intraprenditorija, **bidla demografika**, aċċess għas-suq, **finanzi, bżonnijiet speċjali ta' SMEs u regolamentazzjoni aħjar**;

Or. de

**Emenda 40**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, finanzi u *s-suq tax-xogħol*;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent **aktar** ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, finanzi, **is-suq tax-xogħol u regolamentazzjoni u burokrazija nazzjonali eċċessiva**;

Or. en

**Emenda 41**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, **demografija**, aċċess għas-suq, finanzi u s-suq tax-xogħol;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: **investment pubbliku sostenibbli, kompetizzjoni ġusta għal impriżi soċjalment u ekoloġikament responsabbli**, kompetenzi, intraprenditorija, **l-impatt tal-bidla demografika, drittijiet tax-xogħol, bidla fit-tassazzjoni mix-xogħol għat-tassazzjoni ambjentali, proprjetà u konsum**, aċċess għas-suq, finanzi **fit-tul** u s-suq tax-xogħol;

Or. en

**Emenda 42**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, finanzi u s-suq tax-xogħol;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE ***fejn xieraq***, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, finanzi u s-suq tax-xogħol;

Or. en

**Emenda 43**  
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, finanzi u s-suq tax-xogħol;

*Emenda*

3. Jemmen li sabiex jinħoloq ambjent ospitabbli għall-ħolqien tal-impjiegi, l-Istati Membri jridu, b'apport mill-istituzzjonijiet tal-UE, jindirizzaw il-fatturi li ġejjin: kompetenzi, intraprenditorija, demografija, aċċess għas-suq, ***tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi***, finanzi u s-suq tax-xogħol;

Or. de

**Emenda 44**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3a. Jenfasizza l-potenzjal għall-impjeg tal-ekonomija ekoloġika li skont l-istimi tal-Kummissjoni tista' toħloq 5 miljun impjeg sal-2020 fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli biss, bil-kundizzjoni li jiġu stabbiliti politiki ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw livelli suffiċjenti ta' investiment f'dawn is-setturi u jipprevedu l-ħiliet futuri tal-ħaddiema u jggarantixxu l-kwalità tal-"Impjiegi ekoloġiċi";**

Or. en

**Emenda 45  
Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3a. Jinnota r-rwol importanti tal-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-UE fil-ħolqien u l-manutenzjoni tal-investiment u l-impjiegi tal-Istati Membri tal-UE;**

Or. en

**Emenda 46  
Konstantinos Poupakis, Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3a. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp kontinwu**

*u l-espansjoni tas-suq intern tal-UE qed joħlqu ħafna opportunitajiet ġodda sostanzjali għan-negozji ta' kull daqs, li b'mod ċar jeħtieġu dispożizzjonijiet qafas flessibbli biex jiġu promossi l-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti, filwaqt li l-funzjonament bla xkiel tagħhom jeħtieġ sett ta' standards regolatorji minimi, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza pubblika, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, is-sigurtà fl-ikel u l-protezzjoni ambjentali;*

Or. el

**Emenda 47**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Subintestatura 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Kompetenzi**

**Kwalifiki ta' professjonisti**

Or. de

**Emenda 48**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

4. **Jemmen** li l-UE qed tiffaċċja nuqqas **serju** ta' kompetenzi u nuqqas ta' tlaqqiġh li qed ixekklu **tkabbir ekonomiku**;

4. **Iqis** li l-UE qed tiffaċċja nuqqas ta' kompetenzi u nuqqas ta' tlaqqiġh **f'ċerti reġjuni u setturi**, li qed ixekklu **l-kisba tal-oġġettivi tal-Istrateġija UE 2020**;

**Emenda 49**  
**Jan Kozłowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jemmen li l-UE qed tiffaċċja nuqqas serju ta' kompetenzi u nuqqas ta' tlaqqiġh li qed ixekklu t-tkabbir ekonomiku;

*Emenda*

4. Jemmen li l-UE qed tiffaċċja nuqqas serju ta' kompetenzi u nuqqas ta' tlaqqiġh li qed ixekklu t-tkabbir ekonomiku; ***jinnota li fl-UE hemm iktar minn 1.85 miljun post tax-xogħol battal; huwa mħasseb li l-aħħar riżultati tal-Istħarriġ dwar il-Ħiliet tal-Adulti (PIAAC) immexxi mill-OECD u appoġġjat mid-DĠ Edukazzjoni u Kultura tal-Kummissjoni juru li 20 % tal-popolazzjoni għandha ħiliet baxxi ta' litteriżmu u matematika u 25 % tal-adulti m'għandhomx il-ħiliet li jużaw effettivament l-ICTs;***

**Emenda 50**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***4a. Jemmen li politiki attivi favur it-taħriġ, taħriġ kontinwu, sħubijiet bejn l-iskejjel u n-negozji, u tat-tagħlim jistgħu jippermettu tlaqqiġh aħjar tal-kompetenzi mfittxa min-negozji;***

**Emenda 51**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jinnota t-tendenza lejn aktar impjieg b'kompetenzi intensivi, bi kważi 90 % tal-impjieg mistennija li jinħolqu jew li jsiru vakanti sal-2020 jirrikjedu kwalifi medji jew għolja;

*Emenda*

5. Jinnota t-tendenza lejn aktar impjieg b'kompetenzi intensivi, bi kważi 90 % tal-impjieg mistennija li jinħolqu jew li jsiru vakanti sal-2020 jirrikjedu kwalifi medji jew għolja; ***Jinnota wkoll li l-politika kummerċjali Ewropea mmexxija għal bosta snin wasslet lill-Ewropa sabiex tispeċjalizza fis-servizzi jew fit-teknoloġija avvanzata b'detriment għas-setturi industrijali jew agrikoli li joffru impjieg inqas kwalifikati;***

Or. fr

**Emenda 52**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jinnota t-tendenza lejn aktar impjieg b'kompetenzi intensivi, bi kważi 90 % tal-impjieg mistennija li jinħolqu jew li jsiru vakanti sal-2020 jirrikjedu kwalifi medji jew għolja;

*Emenda*

5. Jinnota t-tendenza lejn aktar impjieg b'kompetenzi intensivi, bi kważi 90 % tal-impjieg mistennija li jinħolqu jew li jsiru vakanti sal-2020 jirrikjedu kwalifi medji jew għolja; ***jenfasizza l-importanza tal-investment fl-edukazzjoni, fit-tagħlim tul il-ħajja u l-mobilità tas-suq tax-xogħol sabiex dawn l-impjieg jingħataw lil ħaddiema kwalifikati;***

Or. en



**Emenda 53**  
**Konstantinos Poupakis, Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**5a. Jenfasizza li, filwaqt li l-eċċellenza, l-innovazzjoni u r-riżorsi umani huma dawk li jikkostitwixxu l-vantaġġi kumparattivi tal-Unjoni, l-investiment dejjem jonqos fir-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ, flimkien mar-rati ta' diżokkupazzjoni partikolarment għoljin fl-Istati Membri individwali u fiż-żona tal-Euro, qed iwasslu lil ħafna Ewropej biex ifittxu l-impjiegi f' swieq tax-xogħol oħrajn; jenfasizza li l-eżodu tal-imħuħ huwa ostakolu ewlieni għat-tkabbir, kompetittività ikbar fl-Unjoni u miżuri għall-promozzjoni tal-intraprenditorija;**

Or. el

**Emenda 54**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6. Huwa mħasseb** li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ***tal-Ewropa mhumie*** adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnotta bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-

**6. Jemmen** li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ***ta' ċerti Stati Membri għandhom ikunu*** adattati ***aħjar*** għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnotta bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-

negozji fis-snin li ġejjin;

negozji fis-snin li ġejjin;

Or. en

## **Emenda 55**

**Marije Cornelissen**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 6**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. **Huwa mħasseb** li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa **mhumix adattati għall-ħtiġijiet** ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalifikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin;

##### *Emenda*

6. **Jenfasizza** li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa **għandhom jingħaqdu mal-ħtiġijiet futuri** ta' kompetenzi tan-negozji, **iżda, separatament minn dak, ikollhom l-għan prinċipali li jagħtu kompetenzi u ħiliet lill-individwi**; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalifikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin; **jinnota bi tħassib nuqqas ta' ħiliet u nuqqas ta' xogħol kwalifikat meħtieġ għal xogħol b'teknoloġiji emerġenti b'livelli baxxi ta' karbonju, jitlob appoġġ għal ħaddiema b'ħiliet baxxi jew obsoleti minħabba ekonomiji li qed jinbidlu sabiex jiġi prevenut ir-riskju ta' qgħad strutturali u n-nuqqas ta' attività;**

Or. en

## **Emenda 56**

**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin;

*Emenda*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi ***tal-STEM*** (fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingerija u fil-matematika) mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin, ***filwaqt li r-rata li qed tonqos ta' nisa li jipparteċipaw f'dawk is-suġġetti ma ġietx indirizzata kif suppost;***

Or. en

**Emenda 57**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin;

*Emenda*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalfikat fl-UE se jżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin; ***għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jistabilixxu sistemi duppliċi ta' taħriġ, li jħarrġu b'mod speċjali fl-hekk imsejħa suġġetti xjentifiċi u tekniċi, li għalihom teżisti hteġa partikolarment għolja għal professjonisti;***

**Emenda 58**  
**Ria Oomen-Ruijten**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalifikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin;

*Emenda*

6. Huwa mħasseb li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa mhumiex adattati għall-ħtiġijiet ta' kompetenzi tan-negozji; jinnota bi tħassib li fl-2015 in-nuqqas stmat ta' persunal tal-ICT ikkwalifikat fl-UE se jiżdied għal bejn 384 000 u 700 000 u li l-provvista ta' kompetenzi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika mhux se tissodisfa d-domandi li dejjem jiżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin; ***iqis, għalhekk, li l-Istati Membri għandhom jippromwovu t-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ ulterjuri għal ħaddiema (b'mod partikolari dawk li ġew qiegħda);***

Or. nl

**Emenda 59**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***6a. jemmen li l-Istati Membri jridu jirreaġixxu aktar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jrawmu tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u apprentistati;***  
***(ittrasferit hawn mill-paragrafu 16)***

Or. de

**Emenda 60**  
**Jan Kozłowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-ftuħ tal-edukazzjoni" li għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġħ jiksbu l-ħiliet diġitali;**

Or. en

**Emenda 61**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jemmen li fis-sistemi ta' edukazzjoni bażika għandhom jiġu inklużi l-iżvilupp ta' ħiliet imprenditorjali kif ukoll programmi ta' taġlim dwar kif is-suq, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja joperaw, jiffunzjonaw u jaffettwaw lil xulxin; jemmen li pjan ta' negozju mħejji tajjeb huwa l-ewwel pass lejn aċċess aħjar għall-finanzi u l-vijabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu mingħajr dewmien l-edukazzjoni finanzjarja fil-programmi edukattivi taġghom; jappoġġa, f'dan ir-rigward, il-programm "Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ", imfassal sabiex jipromwovi kultura intraprenditorjali u jiżviluppa s-suq uniku u l-kompetittività;**

Or. en

**Emenda 62**  
**Danuta Jazlowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jemmen li huwa indispensabbli li jiġi introdott it-tagħlim tal-ħiliet intraprenditorjali fis-sistemi ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal;**

Or. en

**Emenda 63**  
**Konstantinos Poupakis, Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jistieden lill-Istati Membri biex iħeġġu l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika u l-universitajiet, sabiex jiżguraw li l-oqsma ta' studju speċjalizzati u l-kurrikuli tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-kontest tat-tagħlim tul il-ħajja jkunu kompatibbli u konformi mal-ħtiġijiet tas-suq, u jippromwovu l-opportunitajiet ta' skemi ta' taħriġ u ta'apprendistat bħala parti mill-kurrikuli, u jiffukaw fuq it-taħriġ tekniku vokazzjonali;**

Or. el

**Emenda 64**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jitlob inizjattivi li jrawmu s-sħubijiet bejn l-intrapriżi, iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, li se jipprovdu l-ħiliet neċessarji sabiex l-Ewropej jkollhom aċċess għal impjiegi ta' manifattura tal-ICT relatati mal-enerġija u teknoloġikament avvanzati;**

Or. en

**Emenda 65  
Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 6b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6b. B'kont meħud tan-nuqqas ta' professjonisti jiddikjara li huwa favur politika ta' migrazzjoni iktar ħielsa fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, li għandha torjenta ruħha speċjalment mad-domanda fis-swieq tax-xogħol;**

Or. de

**Emenda 66  
Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 6b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6b. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjeb il-pass tat-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol li jippermetti liż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol malajr kemm jista' jkun u jiġi evitat ir-riskju ta' NEET;**

**Emenda 67**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Huwa mħasseb li n-numru ta' ċittadini tal-UE li jixtiequ jaħdmu għal rashom naqas minn 45 % għal 37 % fl-aħħar 3 snin bi kważi nofs jibzġhu li jfallu u aktar minn 50 % jgħidu li huwa diffiċli biex tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar kif tibda negozju;

*Emenda*

7. Huwa mħasseb li n-numru ta' ċittadini tal-UE li jixtiequ jaħdmu għal rashom naqas minn 45 % għal 37 % fl-aħħar 3 snin bi kważi nofs jibzġhu li jfallu u aktar minn 50 % jgħidu li huwa diffiċli biex tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar kif tibda negozju; ***l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jstabilixxu deliberazzjonijiet għat-twaqqif ta' negozju fl-universitajiet, kulleġġi kif ukoll kulleġġi vokazzjonali u jirrikonoxxu bħala riżors l-investment fit-tagħlim intraprenditorjali fl-iskola;***

Or. de

**Emenda 68**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Huwa mħasseb li n-numru ta' ċittadini tal-UE li jixtiequ jaħdmu għal rashom naqas minn 45 % għal 37 % fl-aħħar 3 snin bi kważi nofs jibzġhu li jfallu u aktar minn 50 % jgħidu li huwa diffiċli biex tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar kif tibda negozju;

*Emenda*

7. Huwa mħasseb li n-numru ta' ċittadini tal-UE li jixtiequ jaħdmu għal rashom naqas minn 45 % għal 37 % fl-aħħar 3 snin bi kważi nofs jibzġhu li jfallu u aktar minn 50 % jgħidu li huwa diffiċli biex tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar kif tibda negozju; ***huwa mħasseb dwar iż-żidiet fl-impjieg indipendenti bħala riżultat ta' prospetti tax-xogħol li qed jiddeterjoraw; jitlob arranġamenti ta' sigurtà soċjali***



*adegwati għal persuni li jaħdmu għal rashom;*

Or. en

**Emenda 69**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*7a. Jenfasizza r-rwol importanti ta' appoġġ u pariri mogħti lill-banek, u l-effetti perversi tal-kriżi ekonomika riċenti fuq il-kundizzjonijiet ta' self u riskji koperti għall-kuntratturi ġodda;*

Or. fr

**Emenda 70**  
**Mikael Gustafsson, Minodora Cliveti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*7a. Jinnota bi tħassib li n-nisa jirrappreżentaw biss 30 % tal-imprendituri kollha fl-Ewropa; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-intraprenditorija tan-nisa billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal netwerks ta' appoġġ tekniku, xjentifiku u kummerċjali, l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ/gwida għal imprendituri nisa u strumenti finanzjarji xierqa mmirati speċifikament lejn in-nisa;*

Or. en

**Emenda 71**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**7a. Iqis li t-tkabbir tal-SMEs hu marbut mal-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija soċjali; jenfasizza li l-impriżi li għadhom jibdew u l-impjiegi indipendenti joħlqu opportunitajiet ta' impjiegi, jgħinu fil-bini ta' setturi industrijali u ta' servizzi b'saħħithom fuq terminu twil ta' żmien u jnaqqsu l-esklużjoni soċjali; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri jippromwovu mentalitajiet u ħiliet intraprenditorjali fil-livelli edukattivi differenti, taħriġ personalizzat għall-impredituri u żvilupp adegwat tal-ħiliet għall-persunal tal-SMEs;**

**(Din l-emenda għandha tidher qabel il-Paragrafu 7 oriġinali ġewwa t-Taqsima dwar l-Intraprenditorija)**

Or. en

**Emenda 72**  
**Konstantinos Poupakis, Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**7a. Jinnota li l-fattur “tar-riskju” fir-rigward tal-impjiegi indipendenti żvelat matul il-kriżi huwa deterrent għall-involviment f'dawn l-attivitajiet intraprenditorjali; jirrakkomanda għalhekk li tiġi kkunsidrata l-adozzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri biex tissaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza għall-benefiċċji tal-ħaddiema indipendenti**

*mingħajr ma titnaqqas il-flessibilità ta' dan it-tip partikolari ta' attività, sabiex issir opzjoni iktar attraenti u sikura;*

Or. el

**Emenda 73**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Intraprenditorija tal-Kummissjoni li jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jagħmluha aktar faċli għal negozji tajba li jżommu sodi u għal imprendituri onesti li jkollhom ċans ieħor;

*Emenda*

**8. *Huwa mħasseb li l-kriżi finanzjarja u r-reċessjoni sussegwenti laqtu b'mod qawwi lil ħafna SMEs Ewropej fejn volum sinifikanti minnhom spiċċaw f'likwidazzjoni, iktar milli f'bidu ġdid għall-kumpanija. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu regoli legali, regolatorji u tal-kontabilità favorevoli li jiffavorixxu ristrutturazzjonijiet b'saħħithom u protezzjoni mill-falliment sabiex tingħata l-opportunità lil kumpaniji sodi biex ikollhom ċans ieħor jikbru u jevitaw telf ta' xogħol.*** Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Intraprenditorija tal-Kummissjoni li jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jagħmluha aktar faċli għal negozji tajba li jżommu sodi u għal imprendituri onesti li jkollhom ċans ieħor;

Or. en

**Emenda 74**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8a. Jenfasizza hawnhekk ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jużaw kompletament l-appoġġ offrut mill-Kummissjoni għat-titjib tal-klima għall-imprendituri;**

Or. en

**Emenda 75**

**Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8a. Jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni sabiex tinforma liċ-ċittadini u l-impriżi dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament fuq livell Ewropew, bħal pereżempju l-edizzjonijiet "Prospett tar-regoli finanzjarji" u "opportunitajiet ta' finanzjament 2007-2013" u jħeġġiġha tkompli u tespandi inizjattivi simili;**

Or. en

**Emenda 76**

**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 8b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8b. Iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tressaq ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet kollha meħudin mill-Istati Membri differenti sabiex itejbu l-klima għall-intraprenditorija;**

**Emenda 77**  
**Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 8b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8b. Jenfasizza l-bżonn li mentors b'esperjenza jiġu konnessi ma' imprendituri żgħar aspiranti u jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' strutturi ta' appoġġ għal negozji li għadhom kemm jifih, bħal inkubaturi u aċċeleraturi;**

Or. en

**Emenda 78**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

9. Jilqa' skemi, bħall-Erasmus għall-imprendituri żgħażaġh, li għandhom l-għan li jgħinu lil imprendituri ġodda jiksbu l-kompetenzi rilevanti għall-ġestjoni ta' negozju, u jemmen li tali programmi għandhom jiġu promossi aktar sabiex jgħinu lil aktar imprendituri jiżviluppaw u joħolqu l-impjiegi;

9. Jilqa' skemi, bħall-Erasmus għall-imprendituri żgħażaġh, li għandhom l-għan li jgħinu lil imprendituri ġodda jiksbu l-kompetenzi rilevanti għall-ġestjoni ta' negozju, u jemmen li tali programmi għandhom jiġu promossi aktar sabiex jgħinu lil aktar imprendituri jiżviluppaw u joħolqu l-impjiegi; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' dan waqt l-implimentazzjoni tal-COSME;***

Or. de

**Emenda 79**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**9a. Jemmen li l-impredituri żgħar u l-SMEs orjentati lejn it-tkabbir huma neċessarji sabiex jingħata lok għall-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjegji;**

Or. en

**Emenda 80**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**9a. Jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipromwovu skemi li jippermettu aċċess iktar faċli għall-professjonisti għall-ewwel darba għas-suq tax-xogħol, speċjalment billi jitnaqqsu l-kumplessità u l-kost tal-impjeg indipendenti, inklużi permezz tat-tnaqqis tal-ispejjeż indiretti tax-xogħol. F'dan l-ispirtu, iħeġġeġ l-istabiliment ta' definizzjoni Ewropea tal-“awtoimpreditur” għal attivitajiet relatati mal-ekonomija diġitali Ewropea;**

Or. en

**Emenda 81**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**9b. Jenfasizza l-importanza li jiġu provduti edukazzjoni u attitudnijiet intraprenditorjali lil Ewropej żgħażaġh; F'dan il-kuntest jilqa' t-tisħiħ tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) li jikkonċentra b'mod ċar biex jipprovdi ħiliet imprenditorjali u innovattivi lil 10 000 student tal-Masters u 10 000 student tal-PHD sal-2020;**

Or. en

**Emenda 82**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

10. Jemmen li **programmi Universitarji** bħall-Birmingham Skills for Enterprise and Employability Network (in-Netzwerk ta' Kompetenzi għall-Intrapriżi u l-Impjegabbiltà ta' Birmingham - BSEEN) fir-Renju Unit, iffinanzjat mill-FEŻR, li jrawwem l-intrapriżi u l-kompetenzi intraprenditorjali billi jipprovdi gwida, appoġġ intensiv għall-impriżi li għadhom jibdew, u spazju inkubatur għal impriżi ġodda, huma essenzjali għall-ħolqien ta' impjiegi fil-futur;

10. Jemmen li **finanzjament tal-UE jista' jkollu rwol essenzjali f'ħolqien tax-xogħol immirat u jenfasizza s-suċċess tal-proġetti finanzjati mill-UE** bħall-Birmingham Skills for Enterprise and Employability Network (in-Netzwerk ta' Kompetenzi għall-Intrapriżi u l-Impjegabbiltà ta' Birmingham - BSEEN) fir-Renju Unit, iffinanzjat mill-FEŻR, li jrawwem l-intrapriżi u l-kompetenzi intraprenditorjali billi jipprovdi gwida, appoġġ intensiv għall-impriżi li għadhom jibdew, u spazju inkubatur għal impriżi ġodda, huma essenzjali għall-ħolqien ta' impjiegi fil-futur;

Or. en

**Emenda 83**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jemmen li programmi Universitarji bħall-Birmingham Skills for Enterprise and Employability Network (in-Netwerk ta' Kompetenzi għall-Intrapriżi u l-Impjegabbiltà ta' Birmingham - BSEEN) fir-Renju Unit, iffinanzjat mill-FEŻR, li jrawwem l-intrapriżi u l-kompetenzi intraprenditorjali billi jipprovdi gwida, appoġġ intensiv għall-impriżi li għadhom jibdew, u spazju inkubatur għal impriżi ġodda, huma essenzjali għall-ħolqien ta' impjiegi fil-futur;

*Emenda*

**10. *Jinnota l-importanza tal-istabbiliment u l-appoġġ ta' inkubaturi tan-negozju "komprensivi" li jipprovdu l-opportunità lill-imprendituri żgħażaġh biex jittestjaw l-ideat tagħhom, jiffamiljarizzawhom mal-oqfsa kummerċjali u jgħinuhom jikkuntattjaw sieħba, klijenti u investituri potenzjali. Jenfasizza li l-igġwidar mhuwiex meħtieġ biss fil-fażi tal-bidu, iżda kontinwament tul is-snin kritiċi wara l-fażi tal-bidu;*** jemmen li programmi Universitarji bħall-Birmingham Skills for Enterprise and Employability Network (in-Netwerk ta' Kompetenzi għall-Intrapriżi u l-Impjegabbiltà ta' Birmingham - BSEEN) fir-Renju Unit, iffinanzjat mill-FEŻR, li jrawwem l-intrapriżi u l-kompetenzi intraprenditorjali billi jipprovdi gwida, appoġġ intensiv għall-impriżi li għadhom jibdew, u spazju inkubatur għal impriżi ġodda, huma essenzjali għall-ħolqien ta' impjiegi fil-futur;

Or. en

**Emenda 84  
Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**10a. *Jistieden lill-Istati Membri biex ifasslu u jimplementaw strateġiji nazzjonali għall-edukazzjoni intraprenditorjali bbażati fuq l-aħjar prattiki; tali strateġiji jinkludu l-inklużjoni tat-tagħlim intraprenditorju, speċjalment elementi prattiċi, bħal***

*Emenda*



*proġetti bejn skejjel u kumpaniji u  
apprentistati obbligatorji, fil-pjani  
nazzjonali tal-edukazzjoni;*

Or. de

**Emenda 85**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*10a. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tkabbir tal-ekonomija soċjali f'dawn l-aħħar snin bħala forma ġdida ta' intraprenditorija fl-Unjoni Ewropea. Jistieden lill-Istati Membri jistudjaw mill-qrib standards u programmi li jippromwovu l-ħolqien u l-iżvilupp tagħha;*

Or. es

**Emenda 86**  
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*10a. Jirreferi għall-bidla demografika u l-potenzjal miżjud li jiġi magħha tal-ħolqien ta' intrapriżi soċjali fis-settur aħdar u abjad u b'hekk opportunitajiet intraprenditorjali ġodda, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh. Jistieden lill-Istati Membri biex bl-iktar mod fis-possibbli joħlqu strateġiji effettivi, li permezz tagħhom il-karrieri rispettivi fl-ekonomija soċjali jsiru aktar attraenti għaż-żgħażaġh;*

**Emenda 87**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10b. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li, quddiem il-possibbiltà li jagħlqu numru ta' intrapriżi Ewropej, il-ħaddiema tal-istess intrapriżi u permezz tas-soċjetajiet kooperattivi jsiru proprjetarji tal-intrapriżi. Jistieden sabiex jiġu studjati linji ta' appoġġ ġodda possibbli permezz tal-Fond Ewropew ta' Adattament għall-Globalizzazzjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investment għal dawk l-intrapriżi dedikati għal setturi ewlenin skont l-Istrateġija Ewropa 2020;**

Or. es

**Emenda 88**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10c. Juri tħassib quddiem il-fenomeni li qed jikber fl-Unjoni Ewropea, ta' dawk li jagħmluha tabirruhhom li jaħdmu għal rashom (persuni li jixtiequ jaħdmu ma' oħrajn iżda jispiċċaw, minħabba n-nuqqas ta' offerti tax-xogħol, jaħdmu għal rashom jew ħaddiema li jaħdmu ma' oħrajn li l-intrapriżi tagħhom obligawhom isiru ħaddiema għal rashom dipendenti ekonomikament biex jiġfrankaw l-ispejjeż soċjali) u jitlob lill-Istati Membri politiki speċifiċi biex**

*jevitawhom bħal, għall-ewwel każ,  
introjtu ta' impjegabbiltà suffiċjenti jew,  
għat-tieni każ, kontrolli ulterjuri tax-  
xogħol;*

Or. es

**Emenda 89**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Sottotitolu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Demografija***

***imħassar***

Or. en

**Emenda 90**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Sottointestatura 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Demografija***

***l-iżvilupp demografiku***

Or. de

**Emenda 91**  
**Inês Cristina Zuber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom  
jiġu mħeġġa ***jippromwovu ż-żamma*** ta'

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom  
jiġu mħeġġa ***joħolqu skemi statutorji li***

*ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;*

*taħthom dawk bl-ikbar profitti u dħul jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti għas-sistemi ta' sigurtà soċjali pubbliċi, u b'hekk jikkonformaw mal-prinċipju tas-solidarjetà u tat-tqassim tal-ġid, u jggarantixxu li l-ħaddiema kollha jkollhom dritt għall-irtirar diċenti u ta' kwalità;*

Or. pt

## **Emenda 92**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol *billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;*

#### *Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, *b'konformità ma'dak li ġie approvat mill-Parlament Ewropew fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għal tixjiħ attiv fl-Unjoni Ewropea.*

Or. es

## **Emenda 93**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi *jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;*

#### *Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol; *fost oħrajn billi jiżviluppaw mogħdijiet individwalizzati li jippermettu ħruġ' flessibbli mix-xogħol għall-irtirar, billi*

jagħtu valur lill-esperjenza *u billi jaddattaw kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bżonnijiet tal-ħaddiema iktar anzjani*;

Or. en

**Emenda 94**  
**Ria Oomen-Ruijten**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa, *fost l-oħrajn fil-kuntest ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet*, jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza; *jenfasizza li forza tax-xogħol akbar fl-età u ħajja tax-xogħol itwal, jistgħu jagħtu kontribut pożittiv lill-irkupru u t-tkabbir fil-futur; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari għal ħaddiema akbar fl-età li jwettqu kompiti impenjattivi mil-lat fiżiku u/jew mentali; jenfasizza, fl-aħħar, li l-persuni aktar anzjani huma indispensabbli bl-għan li jwasslu l-għarfien u l-esperjenza lill-ġenerazzjonijiet aktar żgħażaġh*;

Or. nl

**Emenda 95**  
**Olle Ludvigsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, ***permezz ta' miżuri li jtejbu l-għarfien dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u billi*** jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

Or. sv

**Emenda 96**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, ***jippromwovu l-iżvilupp f'intrapriżi ta' taħriġ għaż-żgħażagħ u l-anzjani***, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

Or. fr

**Emenda 97**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta'

*Emenda*

11. Jemmen, ***minħabba l-popolazzjoni li qiegħda tixjeh f'ħafna postijiet, li*** l-Istati

ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

Or. de

**Emenda 98**  
**Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol ***u ż-żamma tal-ħiliet indispensabli fis-suq tax-xogħol***, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

Or. en

**Emenda 99**  
**Mikael Gustafsson, Minodora Cliveti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

*Emenda*

11. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu ż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età ***kemm nisa kif ukoll irġiel*** fis-suq tax-xogħol billi jħeġġu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, jiżviluppaw swieq tax-xogħol flessibbli u jagħtu valur lill-esperjenza;

**Emenda 100**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***11a. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw effettivament leġiżlazzjoni tal-UE li tipprojbixxi legalment id-diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol minħabba età, diżabilità, orjentazzjoni sesswali u reliġjon jew twemmin;***

Or. en

**Emenda 101**  
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***11a. Jenfasizza l-bżonn li jiġu introdotti miżuri li jiffaċilitaw rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja;***

Or. en

**Emenda 102**  
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija



mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri **u** joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

mis-suq uniku **tal-Unjoni Ewropea** jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri, joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda, **joħolqu impjegi u jattiraw investment esoġenu minn madwar id-dinja**;

Or. en

### **Emenda 103** **Jan Kozłowski**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 12**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri **u** joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

##### *Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri, joħolqu opportunitajiet ta' negozju **u impjegi** ġodda;

Or. en

### **Emenda 104** **Danuta Jazłowiecka**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 12**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

##### *Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħajja ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri, **ineħħu l-ostakli eżistenti li jfixklu l-mobilità tal-ħaddiema** u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

Or. en

**Emenda 105**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

*Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda, ***partikolarment permezz tar-reċiproċità ta' aċċess għas-suq pubbliku;***

Or. fr

**Emenda 106**  
**Minodora Cliveti, Mikael Gustafsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

*Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda, ***filwaqt li titqies f'dawn iċ-ċirkostanzi s-sitwazzjoni tan-nisa, li jridu jibbilanċjaw il-ħaġġa professjonali u dik privata;***

Or. en

**Emenda 107**  
**Ria Oomen-Ruijten**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

*Emenda*

12. Jenfasizza li l-opportunitajiet mogħtija, ***preċiżament***, mis-suq uniku jridu jintużaw biex jintroduċu ħaġġa ġdida fl-ekonomija tal-Ewropa billi jiftħu l-fruntieri u joħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda;

Or. nl

**Emenda 108  
Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12a. Jitlob li jkun hemm tnaqqis tal-ostakoli li fadal fil-provvista transkonfinali ta' servizzi kif ukoll l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni komuni tal-VAT u ta' statut għall-Kumpanija Privata Ewropea, sabiex fil-futur il-kumpaniji jkunu jistgħu jikbru aħjar fis-suq intern fil-futur u b'hekk ikunu jistgħu joħolqu iktar postijiet tax-xogħol;***

Or. de

**Emenda 109  
Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12a. Jenfasizza li għall-SMEs, id-daqs huwa importanti. Skala akbar tippermetti***

*li l-SMEs jirreżistu aktar faċilment iċ-ċikli ekonomiċi, jibnu kompetenza iktar fil-fond, isibu klijenti u swieq ġodda, jiġu konnessi ma' ktajjen ta' provvista globali u jiksbu aċċess aktar faċli għal finanzjament bankarju u jestendu sorsi ta' finanzjament u b'hekk joħolqu aktar impjiegi. Jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-provvista ta' edukazzjoni fil-ġestjoni u l-istrateġija kummerċjali għas-sidien ta' SMEs li jixtiequ jespandu n-negozji tagħhom. Jenfasizza l-importanza tal-għajnuna lill-SMEs sabiex jiżviluppaw konnessjonijiet ma' swieq barranin mhux sfruttati billi jdawwru lill-aġenziji pubbliċi eżistenti biex jaħdmu ma' banek u assoċjazzjonijiet tal-SMEs lejn dak l-għan;*

Or. en

**Emenda 110**  
**Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*12a. Jenfasizza l-oppunitajiet li joffru t-teknoloġiji tal-ICT fit-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività; Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq uniku diġitali u jfakkar li l-ispiża tal-ħolqien ta' impriża tipika li għadha tibda tal-ICT naqset b'fattur ta' 100 fl-aħħar 10 snin, prinċipalment minħabba teknoloġiji bħal broadband ultrarapidu u kullimkien, cloud computing, softwer minn sorsi miftuħa, dejta miftuħa u aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku;*

Or. en

**Emenda 111**  
**Konstantinos Poupakis, Ioannis A. Tsoukalas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12a. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet qafas xierqa u flessibbli għas-suq intern għall-promozzjoni tal-intraprenditorijt u jiġu appoġġjati l-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jiffurmaw is-sinsla ekonomika tal-Unjoni m'għandhomx, taħt kwalunkwe ċirkostanza, jinkisbu għad-dannu tal-istandards minimi Ewropej u tad-drittijiet fundamentali tax-xogħol;***

Or. el

**Emenda 112**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12b. Jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-finanzjament ta' miżuri ta' suċċess bħalma hu n-Netzwerk ta' Enterprise Europe u China IPR SME Help Desk permezz tal-COSME, sabiex ikunu appoġġjati b'mod speċjali intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-iżvilupp ta' swieq ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallokaw biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, fejn dawn iġibu valur miżjud għall-miżuri nazzjonali;***

Or. de

**Emenda 113**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12b. Jinnota li huwa kruċjali appoġġ għall-SMEs li jixtiequ jsiru internazzjonali permezz ta' self ta' terminu medju jew twil jew investimenti ta' ekwità u l-edukazzjoni tal-SMEs fuq kif ikollhom aċċess għal finanzjament kummerċjali;***

Or. en

**Emenda 114**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***12b. Jinnota l-importanza li għandha l-ekonomija diġitali għall-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment meta jkunu marbutin ma' setturi fejn l-Ewropa hija tradizzjonalment b'saħħitha, bħall-industriji kreattivi, il-patrimonju kulturali u t-turiżmu;***

Or. en

**Emenda 115**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, ***bħas-self bejn il-pari, il-mikrosself u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjegi;***

*Emenda*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji;

Or. en

**Emenda 116**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, bħas-self bejn il-pari, il-mikrosself u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali ***għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjegi;***

*Emenda*

13. Jemmen li ***l-SMEs fl-Ewropa huma dipendenti wisq fuq il-finanzjament bankarju u li dan iżid il-vulnerabbiltà tagħhom. Jinnota li*** hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, bħas-self bejn il-pari, il-mikrosself u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali ***għall-SMEs li joħolqu l-impjegi. Forom ġodda ta' finanzjament jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal negozji żgħar u dinamiċi li għandhom diffikultajiet biex ikollhom aċċess għal sorsi iktar tradizzjonali ta' finanzjament minħabba l-istat ġdid tagħhom. Attivitajiet importanti jistgħu jkunu l-ħolqien ta' kuxjenza u l-għoti ta' informazzjoni dwar tali opzjonijiet ta' finanzjament mhux tradizzjonali u l-għoti ta' inċentivi għal investituri. Jenfasizza li tali forom ġodda ta' finanzi ma għandhomx ikunu limitati għall-fażijiet tal-bidu u tat-tkabbir. It-trawwim ta' swieq tal-kapital alternattivi ikun ta' benefiċċju wkoll sabiex jinkisbu riżultati pożittivi kemm għall-kumpanija***

**Emenda 117**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, bħas-self bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;

*Emenda*

13. **Jinnota li s-self bankarju għadu l-aktar sors komuni ta' finanzjament fl-Ewropa;** Jemmen **madankollu**, li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, bħas-self bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;

**Emenda 118**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, **bħas-self** bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;

*Emenda*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, **bħall-finanzjament kollettiv, is-self** bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;



**Emenda 119**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, **bħas-self** bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;

*Emenda*

13. Jemmen li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta' finanzjament permezz ta' skemi innovattivi u rotot mhux bankarji, **bħall-investituri informali tal-SMEs, is-self** bejn il-pari, il-mikroselġ u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu investiment vitali għall-impriżi li għadhom jibdew u joħolqu l-impjiegi;

Or. en

**Emenda 120**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**13a. Jemmen li informazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kreditu tal-SME hija ta' spiża kbira u diffiċli sabiex tinkiseb. In-nuqqas ta' tali informazzjoni tkabbar sostanzjalment l-ispejjeż tal-valutazzjoni tal-SMEs, u b'hekk ma jibqax prattiku għall-banek li jaqdu ċertu segmenti u joħolqu ostakli għall-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' finanzjament. Jenfasizza l-importanza ta' nuqqas ulterjuri fl-ispejjeż tal-informazzjoni u ż-żieda fit-trasparenza. L-iżvilupp ta' standards ta' kwalità minimi komuni għall-valutazzjoni esterna ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-SMEs jista' jiffaċilita aktar l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, inkluż dak minn fruntiera għal oħra, u jkabbar l-integrazzjoni tas-suq;**

*Emenda*

**Emenda 121**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***13a. Ifakkar fl-importanza li jinħolqu aġenzji ta' mikrokreditu faċilment aċċessibbli u fir-reġjuni kollha;***

**Emenda 122**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***13a. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' programmi, strumenti u inizzjattivi mfasslin apposta, minn ekwità (bħal investituri informali, finanzjament kollettiv u faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali) għal kważi ekwità (bħal finanzjament intermedju ("mezzanine finance") u strumenti tad-debitu (bħal bonds ta' kumpaniji ta' ammonti żgħar ("small-ticket company bonds"), faċilitajiet ta' garanzija u pjattaformi), fi sħubijiet bejn il-banek u operaturi oħra involuti fil-finanzjament tal-SMEs (professjonisti tal-kontabilità, assoċjazzjonijiet tan-negozju jew tal-SMEs jew kmamar tal-kummerċ), sabiex***

*in-negozji jiġu appoġġati fil-fażijiet tal-bidu, tat-tkabbir u tat-trasferiment tagħhom b'kunsiderazzjoni tal-kobor, id-dħul u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom;*

Or. en

**Emenda 123**  
**Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*13a. Jemmen li forom ġodda ta' finanzjament bħall-investiment kollettiv jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi għad-diskrepanza eżistenti tal-likwidità li qegħdin jiffaċċjaw ħafna SMEs u mikroimprezi;*

Or. en

**Emenda 124**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*13b. Jenfasizza l-importanza ta' żvilupp ulterjuri ta' settur tal-kapital tar-riskju profund, swieq u networks dedikati għall-SMEs, strumenti ġodda ta' titolizzazzjoni rregolati sew għall-SMEs flimkien ma' programm COSME, kif ukoll sorsi "mhux tradizzjonali" oħrajn ta' finanzjament. Jinnota li, minħabba d-differenzi kbar bejn is-setturi industrijali u bejn iċ-ċikli ta' investiment, dawn l-istrumenti għandhom jiġu differenzjati. Jenfasizza l-*

*importanza li jiġi żgurat li dawn is-swieq jikbru fuq bażi sostenibbli u huma rregolati sew;*

Or. en

**Emenda 125**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, *inkluż il-FSE*; jemmen li jrid isir aktar biex *titqassam l-informazzjoni lill-impreditturi eżistenti u potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz"*;

*Emenda*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, *l-Orizzont 2020 u l-COSME; jilqa' wkoll bi pjaċir l-isforzi tan-Netwerk Enterprise Europe fi ħdan dan il-qasam*; jemmen li *madankollu* jrid isir aktar biex *intraprenditturi stabbiliti jew potenzjali jkunu infurmati b'mod ċar u b'mod sħiħ dwar opportunitajiet ta' finanzjament u biex intermedjarji finanzjarji jiġu mħeġġa jagħmlu użu iktar qawwi mill-istrumenti finanzjarji*;

Or. de

**Emenda 126**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi

*Emenda*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli *għaċ-ċittadini, għall-organizzazzjonijiet, u* għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li

Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz";

joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz";

Or. en

## **Emenda 127** **Nadja Hirsch**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 14**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz";

#### *Emenda*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz". **Dan il-portal għandu jagħmel referenza għall-punti ta' kuntatt lokali;**

Or. de

## **Emenda 128** **Ria Oomen-Ruijten**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **Paragrafu 14**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u potenzjali

#### *Emenda*

14. Jilqa' inizjattivi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji li jkollhom aċċess għall-appoġġ tal-UE permezz ta' portal **multilingwi** uniku li joffri informazzjoni dwar il-Fondi Strutturali, inkluż il-FSE; jemmen li jrid isir aktar biex titqassam l-informazzjoni lill-imprendituri eżistenti u

permezz ta' "punt uniku ta' servizz";

potenzjali permezz ta' "punt uniku ta' servizz";

Or. nl

#### **Emenda 129**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***14a. Jitlob l-implimentazzjoni tal-flus kollaterali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għal approprjazzjonijiet ta' intraprenditorija għaż-żgħażaġh permezz tal-BEI;***

Or. es

#### **Emenda 130**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***14a. Jilqa' s-simplifikazzjoni tal-metodi ta' rimborż bħala parti mill-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Fondi Strutturali, minħabba r-rwol importanti li għandhom dawn l-istrumenti f'ħafna reġjuni biex jipromwovu l-intraprenditorija u l-ħiliet; jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja u tirraporta lill-Parlament dwar l-aċċess tal-SMEs għall-fondi tal-Komunità;***

Or. en

**Emenda 131**  
**Inês Cristina Zuber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14a. Huwa tal-fehma li l-investiment pubbliku u l-appoġġ tal-istat għat-tnedija u l-operazzjoni kontinwa tal-impriżi huma kruċjali; huwa tal-fehma li l-Istati għandhom jitolbu salvagwardji u garanziji minn kumpaniji li jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru u jirċievu l-appoġġ pubbliku;**

Or. pt

**Emenda 132**  
**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14a. Jenfasizza l-importanza tas-simplifikazzjoni tal-qafas li se jippermetti lil investituri ta' kapital informali, inizjali u ta' riskju jinvolve ruħhom f'finanzjament transfruntier ta' negozji u impriżi li għandhom jibdew innovattivi; Jenfasizza s-sinifikat tat-tnaqqis fit-taxxi fuq qligħ kapitali minn investimenti tal-SMEs innovattivi bbażati fuq ir-riċerka;**

Or. en

**Emenda 133**  
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14a. Jilqa' passi leġiżlattivi diretti sabiex l-impriżi li għadhom jibdew u l-SMEs innovattivi jkunu inqas dipendenti fuq is-self bankarju u jkollhom aċċess aħjar għas-swieq tal-kapital;**

Or. en

**Emenda 134**

**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 14b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14b. Jitlob koordinazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE, inklużi Fondi Strutturali, FEŻR, Orizzont 2020 u investimenti tal-BEI, speċjalment fir-rigward tal-finanzjament ta' SMEs innovattivi, u jitlob valutazzjoni tal-ostakoli attwali li f'bosta Stati Membri l-banek ma jitransferux fondi u garanziji għal self lil SMEs u l-ekonomija reali;**

Or. en

**Emenda 135**

**Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 14c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14c. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għat-titjib tal-kompetittività, il-produttività, is-sostenibbiltà u l-potenzjal għall-ħolqien tax-xogħol tal-SMEs Ewropej u jinnota l-**



*enfasi sinifikanti li Orizzont 2020 u l-EIT  
jqiegħdu fuq il-ħolqien u l-appoġġ ta'  
SMEs innovattivi b'rata għolja ta'  
tkabbir;*

Or. en

**Emenda 136**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Sottointestatura 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Suq tax-xogħol*

*imħassar*

Or. de

**Emenda 137**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu  
biss joħlqu l-impjegi jekk jeżistu l-  
kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess  
għal forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti  
kuntrattwali flessibbli, u piżijiet  
amministrattivi minimi;*

*imħassar*

*(tmexxa għall-paragrafu 2a (ġdid))*

Or. de

**Emenda 138**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, **disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli**, u piżijiet amministrattivi minimi;

*Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, u piżijiet amministrattivi minimi;

Or. es

**Emenda 139**  
**Marije Cornelissen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen **bis-sħiħ** li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal **forza tax-xogħol ikkwalifikata, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli**, u piżijiet amministrattivi minimi;

*Emenda*

15. Jemmen li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi **diċenti** jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba **għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni**, inklużi **kundizzjonijiet ta' xogħol u paga diċenti**, aċċess għal **taħriġ għall-ħaddiema, aċċess għal sigurtà soċjali għall-ħaddiema minkejja l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom**, u piżijiet amministrattivi minimi; **jenfasizza l-effetti pożittivi fuq l-impjiegi taċ-ċaqliq tal-piż tat-taxxa mix-xogħol għal attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent**;

Or. en

**Emenda 140**  
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, **disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali** flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

*Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, **bilanċ bejn suq tax-xogħol** flessibbli **u bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja**, u piżijiet amministrattivi minimi;

Or. en

**Emenda 141**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

*Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli, **inċentivi fiskali, implimentazzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji**, u piżijiet amministrattivi minimi;

Or. fr

**Emenda 142**  
**Jan Kozłowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal

*Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal

forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali  
flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali  
flessibbli, u piżijiet amministrattivi **u**  
**regolatorji** minimi; **jenfasizza l-effetti**  
**pożittivi fuq l-impjiegi taċ-ċaqliq tal-piż**  
**tat-taxxa mix-xogħol għal attivitajiet li**  
**jagħmlu ħsara lill-ambjent;**

Or. en

## **Emenda 143**

**Phil Bennion**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 15**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu  
biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-  
kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal  
forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali  
flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

##### *Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu  
biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-  
kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal  
forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali  
flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;  
**jirrikonoxxi l-benefiċċji li l-moviment**  
**liberu fl-UE tal-ħaddiema jista' joffri**  
**għas-sodisfazzjon tan-nuqqasijiet tal-**  
**hiliel lokali u d-domanda għax-xogħol;**

Or. en

## **Emenda 144**

**Danuta Jazlowiecka**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 15**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu  
biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-  
kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal  
forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali

##### *Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu  
biss joħolqu l-impjiegi jekk jeżistu l-  
kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal  
forza tax-xogħol ikkwalifikata,  
disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali

flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

flessibbli, *spejjeż tax-xogħol raġonevoli* u piżijiet amministrattivi minimi;

Or. en

#### Emenda 145

Ioannis A. Tsoukalas, Konstantinos Poupakis

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 15

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħlqu l-impjegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

##### *Emenda*

15. Jemmen bis-sħiħ li n-negozji jistgħu biss joħlqu l-impjegi jekk jeżistu l-kundizzjonijiet it-tajba, inklużi aċċess għal forza tax-xogħol ikkwalifikata **u kompetenti ħafna**, disponibbiltà ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli, u piżijiet amministrattivi minimi;

Or. en

#### Emenda 146

Heinz K. Becker

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 15a (ġdid)

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

##### *Emenda*

**15a. Jenfasizza dwar l-importanza tas-sistema duplika ta' taħriġ, li permezz ta' taħriġ ibbażat fuq il-prattika fl-iskejjel vokazzjonali u taħriġ intraprenditorjali, tikseb it-tranżizzjoni mill-iskola għas-suq tax-xogħol bl-aħjar mod ippruvat. Dawn is-sistemi huma appoġġjati minn kooperazzjoni bbażata fuq sħubija soċjali bejn ir-rappreżentanti ta' min iħaddem u l-impjegati, li wriet li hija ta' suċċess u b'effettività kbira;**

Or. de

**Emenda 147**  
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***15b. Jirreferi għall-importanza tal-Flexicurity fuq il-post tax-xogħol biex minn naħa waħda tinholq sigurtà bbilanċjata għall-impjegati iżda biex minnaħa l-oħra tkun permessa reazzjoni flessibbli għall-iżviluppi tas-swieq minnaħa tan-negozji;***

Or. de

**Emenda 148**  
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***15c. Huwa tal-fehma li l-istabbiliment tal-hekk imsejħa kowċis għaż-żgħażaġh fl-aġenziji tas-suq tax-xogħol huwa pass importanti, sabiex jintilfu ħafna inqas żgħażaġh fit-tranżizzjoni bejn l-iskola u s-suq tax-xogħol;***

Or. de

**Emenda 149**  
**Jürgen Creutzmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**16. Jemmen li l-Istati Membri jridu jirreaġixxu aktar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jrawmu taġlim imsejjes fuq ix-xogħol u apprentistati;**

***imħassar***

***(tmexxa għall-paragrafu 6a (ġdid))***

Or. de

**Emenda 150**

